MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2013

Numru. 885/2013

**ILLUM 14 ta' Settembru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Roderick Agius)
vs

Tristan Falzon

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 402382 (M);

Akkuzat talli fit-13 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' 17.10hrs ge4wwa Triq Fleur De Lys Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer, minn gewwa vettura kkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euro) izda mhux iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu,

bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Nazzarena Debono u/jew persuni ohra;

Kif ukoll talli fl-istes lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li j kun indahlu sabiex ibieghhom jew imexxiehom;

U iktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47 Euro) ghad-detriment ta' Nazzarena Debono u/jew persuni ohra;

U iktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjoni u cioe ghamel reat volontarju fil-perjodu ta' Combination Order ghat-tliet snin, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Marzu 2011.

U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqasa milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D., b'digriet datat l-24 ta' April 2013, li permezz ta' dan id-digriet huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom illi ma jaghmilx reat iehro ta' natura volontarja.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra;

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, in aggunta mal-istqarrija tieghu, l-Qorti ma tistax hlief tiddikjarahi u ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Din il-htija qeghda ssir fir-rigward tas-serq aggravat, il-hsara volontarja, l-ksur ta' Ordni ta' Probation u Servizz u l-ksur ta' xi kundizzjoni marbuta mal-helsien mill-arrest;

Stante l-fedina penali tieghu, li diga ghandha precedenti ta' serq , il-Qorti hi kostretta li f'dan il-kaz timponi terminu ta' prigunerija effettiva;

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g), 279(a), 280(2), 325(b), 579(2) u 17(b)(h) tal-Kap 9 u l-Artikolu 21 tal-Kap 446;

Tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------